# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 818

KAZ NRU. 1076

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony C.R. Smith

u

The Beehive Restaurant

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 15 ta' April, 1997

**Chairman : Is-Sur Albert J. Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata l-24 ta' Settembru, 1996 b'referenza ME 4/95/184/III skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm tmien (8) seduti.

Is-sur Anthony C.R. Smith, aktar 'il quddiem jissejjah "l-appellant", kien assistit mis-sur Joe Grima Segretarju Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel, General Workers' Union u "The Beehive Restaurant", aktar 'il quddiem jissejjah "ir-

restaurant" kien rapprezentat mis-sur Mark Zahra assistit mill-avukat Joseph Schembri mill-hames seduta 'l quddiem.

**Il-FATTI ESPOSTI**

L-appellant gie mpjegat bhala Chef tal-Beehive Restaurant fl-1 ta' Marzu, 1995. Kien gie assunt mid-diretturi tal-Excel Catering Co. Limited li dak iz-zmien mhux biss kienet is-sid imma wkoll l-operatur ta' l-imsemmi restaurant.

Fit-tielet gimgha ta' Mejju 1996, waqt li kien fuq leave tal-mard iccertifikat minn tabib, gie mitlub jekk jistax jidhol ghax-xoghol is-Sibt. Hu wiegeb li kien ghadu taht il-kura u ma felahx. Ftit wara waslitlu telefonata li l-kumpanija ma kellhiex bzonn is-servizzi tieghu izjed. Dan kien konfermat b'ittra minghajr data ffirmata mis-sur Mario Calleja bhala Managing Director ta' Excel Catering Co Ltd li ngabret mill-mara ta' l-appellant it-Tnejn l-20 ta' Mejju, 1996.

Fuq il-parir tal-Union, wara li t-Tnejn 3 ta' Gunju 1996 it-tabib qallu li kien fieq u li l-ghada jista' jmur lura ghax-xoghol, kellem lis-sur Mark Zahra (it-tifel ta' wiehed mid-diretturi u li kien imexxi r-restaurant) biex jgharfu li l-ghada kien diehel lura ghax-xoghol. Is-sur Zahra wiegbu li hu (i.e. l-appellant) kien spicca. Fil-25 ta' Gunju 1996 inhareg certifikat ta' l-E.T.C. ta' temm ta' impjieg b'effett mit-2 ta' Gunju, 1996. Bhala raguni tidher il-kelma "Redundant".

Il-pozizzjoni tal-Kumpanija hi illi fis-17 ta' Lulju, 1996 intlahaq ftehim bejn il-Kumpanija Excel Catering Co Ltd, il-propjetarja u, dak iz-zmien, gestitrici tal-Beehive Restaurant, u s-sur Anthony C.R. Smith dwar hlasijiet dovuti lilu u li accetta l-imsemmija pagamenti bhala "full and final settlement of the amounts due to me". Giet iffirmata u debitament intbaghtet il-formola ta' temm ta' impjieg tal-

E.T.C. Il-Kumpanija sostniet li l-appellant kien de facto accetta t-terminazzjoni.

**TRATTAZZJONI**

Mix-xhieda rrizulta li s-sur Mario Calleja kien ghal xi ftit gimghat jahdem bhala Managing Director tar-restaurant bi prova. L-ittra minghajr data li kiteb lis-sur Smith li "your service (sic) at the Beehive Bar and Restaurant is no longer required. This is due to grounds of policy" kienet awtorizzata minn wiehed mid-diretturi tal-Excel.

Min pprezenta l-kaz ghall-appellant ghamel enfasi dwar kif gie kkalkolat x'kellu jiehu l-appellant. Ghalkemm dak li intqal mis-sur Laurence Cauchi kien interessanti mill-lat ta' figuri, ma setax jaghti dawl ghaliex intemm l-impjieg tas-sur Smith. Ix-xhieda tas-sur Mark Zahra ma tantx tefghet dawl dwar ir-raguni vera tat-temm ta' impjieg ta' l-appellant ghalkemm l-indikazzjoni kienet li kien "redundant". Is-sur Zahra stqarr ukoll li mill-25 ta' Gunju u l-10 ta' Awissu 1996, meta spiccat il-konnessjoni tieghu mal-Beehive, ma dahal hadd bhala Chef.

Fix-xhieda tieghu l-Onorevoli Karmenu Vella ddikjara li llum hu ghandu l-azzjonijiet kollha ta' Excel Catering Co Ltd u li din ghada il-propjetarja tal-Beehive Restaurant. Stqarr ukol li r-restaurant bhala tali, wara li kien ghalaq ghal xi zmien, meta rega' fetah bdiet toperah il-King Confectionery u l-Excel m'ghandha x'taqsam xejn mal-operazzjoni tar-restaurant. Ix-xhud sostna li, ghalkemm hu ffirma l-E.T.C. form fejn Smith intwera bhala "redundant", it-temm ta' impjieg sar wara li Tony Smith lahaq ftehim ma' Mark Zahra.

Ix-xhieda ta’ Anthony C.R. Smith ghenet biex tispjega ahjar il-hrug tal-formola ta’ l-E.T.C. u kif saru l-kalkoli ta’ dak li kellu jiehu. Sostna li hu qatt ma ried isir “redundant” u li zgur qatt ma talab ghal xi haga simili. Waqt il-kontro-ezami hu ammetta li ffirma l-E.T.C. form ta’ temm ta’ impjieg u kien qara l-kelma “redundant”.

Fis-sottomissjonijiet finali l-appellant, tenna li hu qatt ma talab biex isir “redundant” u li meta ffirma “in full and final settlemnet” fis-17 ta’ Lulju 1996 dak id-diskors kien jirrigwarda biss il-hlas li rceva u ma kien jimplika xejn izjed minnhekk. It-temm ta’ mpjieg kien ingust u bl-iskuza li r-restaurant m’ghandux bzonnu.

Ghar-restaurant gie sottomess li s-sur Smith ma kienx impjegat mal-Beehive imma ma’ Excel Catering Co Ltd, il-propjetarja tal-Beehive Bar and Restaurant. Waqt li ta’ l-ewwel hi persuna guridika tat-tieni mhix. Intqal ukoll li s-sur Smith innifsu accetta li kien “redundant” meta ffirma l-formola ta’ l-E.T.C. u li accetta hlas “in full and final settlement”. Is-sottomissjonijiet finali gew konkluzi b’riferenza ghall-operational agreement li sar ma’ King Confectionery.

F’kumment ghan-nom ta’ l-appellant intqal li r-riferenza ghall-”operational agreement” kienet assolutament bla bazi ghax Tony Smith biss tkecca waqt li l-impjegati l-ohra tal-Beehive baqghu jahdmu hemm.

**DECIZJONI**

F’dan il-kaz punt ewlieni hu jekk it-temm ta’ impjieg ta’ l-appellant mill-post ta’ Chef fil-Beehive Restaurant kienx ghar-raguni ta’ “redundancy”. Punt sekondarju hu jekk it-temm ta’ impjieg sarx bi ftehim bejn il-partijiet. Hemm ukoll il-fatt li l-appellant, ghalkemm fittex lill-Beehive Restaurant

kien impjegat ta’ l-Excel Catering Co Ltd, is-sidien u, fiz-zmien tat-temm ta’ impjieg, l-operaturi ta’ l-imsemmi restaurant.

La mix-xhieda u lanqas mis-sottomissjonijiet ma hareg car li fil-bidu ta’ Gunju 1996 kienu jezistu cirkostanzi li jiggustifikaw li l-appellant isir “redundant”. It-Tribunal ra stramba kif, wara li harget ittra madwar l-20 ta’ Mejju li s-servizzi ta’ l-appellant ma kienx hemm bzonnhom aktar, kellu jghaddi ‘l fuq minn xahar biex tinhareg il-formola ta’ l-E.T.C. li wriet it-temm ta’ impjieg effettiv mit-2 ta’ Gunju, 1996.

Ix-xhieda tal-appellant li l-mara tieghu gabret l-ittra hi personalment fl-20 ta’ Mejju ma gietx kontradetta. Lanqas m’ghandha tigi njorata l-ammissjoni li l-ittra msemmija, fuq il-firma tas-sur Mario Calleja, kienet awtorizzata minn wiehed mid-diretturi ta’ dak iz-zmien.

Kieku r-raguni ghat-temm ta’ impjieg kienet tassew “redundancy” kieku l-management kien jibqa’ jinsisti fuq temm ta’ impjieg miz-zmien ta’ l-ittra, i.e. madwar l-20 ta’ Mejju. Kieku sar hekk kien ikun evidenti li t-tkeccija qeghda ssir dakinhar b’reazzjoni ghall-assenza ta’ l-appellant minhabba mard. L-intervent tal-union wassal biss biex jigi ttardjat it-temm ta’ impjieg.

Ix-xhieda ta’ l-Onorevoli Karmenu Vella tefghet dawl differenti fuq l-isvolgiment tal-kaz. Hu qal li l-impressjoni tieghu kienet li l-appellant u s-sur Mark Zahra waslu f’arrangament biex l-appellant jispicca bhala “redundant”. Xehed ukoll li r-restaurant kien sejjer lura, li ghalaq ghal xi zmien u li mindu rega’ fetah kien operat mill-King Confectionery taht “operational agreement mal-Excel Catering

Co Ltd” fejn ta’ l-ahhar m’ghandhom x’jaqsmu xejn mal-gestjoni.

Wara li wizen ix-xhieda tas-sur Mark Zahra u ta’ l-appellant it-Tribunal ikkonkluda li ma kienx jezisti ftehim bejn l-partijiet biex Smith isir “redundant”. Id-diskors bejn l-appellant u s-sur Laurence Cauchi, l-accountant, kien biss dwar kemm kellu jiehu l-appellant bhala “notice money” u arretrati. Il-kliem “full and final settlement” fid-dikjarazzjoni ffirmata mill-appellant fis-17 ta’ Lulju 1996 kjarament jirriferu ghall-ammonti dovuti u ma tistax tinghatalhom tifsira ohra.

Jibqa’ l-fatt li fil-25 ta’ Gunju 1996 iffirma l-formola ta’ l-E.T.C. li turi li l-impjieg tieghu gie terminat ghax-”redundant”. Din tindika accettazzjoni ta’ stat ta’ fatt. L-istess tindika l-accettazzjoni tan-notice money.

Jekk wiehed izomm quddiem ghajnejh li r-restaurant ghalaq ghal xi zmien u li meta rega’ fetah beda jitmexxa mill-King Confectionery b’haddiema li m’ghandhomx x’jaqsmu xejn mal-propjetarji tar-restaurant, wiehed jasal ghal konkluzjoni li r-”redundancy” ta’ l-appellant kienet aticipata bi ftit gimghat. Ghaldaqstant it-Tribunal jordna li l-appellant jinghata s-somma ta’ tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm350) bhala kumpens.

It-Tribunal josserva li l-kaz ta’ l-appellant sar kontra l-Beehive Restaurant meta l-’employer’ tieghu kienet Excel Catering Co Ltd, il-propjetarji ta’ l-imsemmi restaurant. Madankollu Excel Catering Co Ltd giet imsemmija in kawza fl-istqarrija preliminari ta’ l-appellant u d-difiza tal-kaz saret dejjem ghan-nom ta’ l-imsemmija kumpanija. Ghalhekk dan it-Tribunal jhoss li l-appellant m’ghandux jigi michud mill-kumpens imsemmi.

Ghall-finijiet ta’ l-Avviz Legali Nru. 48 ta’ l-1986 jintaxxa d-drittijiet ta’ kull persuna li assistiet lill-partijiet fis-somma ta’ erbghin Liri Maltin (Lm40).

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

---------------------
**Albert J. Tabone**
**CHAIRMAN**

----------------
**Edwin Spiteri**
**A/Segretarju**

mrg